# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 28 ta' Lulju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 615/2024JPG**

**Kawza nru.: 22**

**NM**

**Vs**

**JB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' NM datat 5 ta' Dicembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet izzewgu fit-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009) u dan skont iċ-ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".*
>
> *Illi l-partijiet ilhom separati mis-sebgha (7) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness fl-atti tan-nutar Brenda Jane Camilleri Vella anness Dokument B*

*Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal bl-ismijiet ta' NB li twieldet nhar X  u DB li twieled nhar Y.*

*Illi ma hemm l-ebda  prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-**Artikolu 66B** tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
*Għaldaqstant r-rikorrenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar it-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009);*

*2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ma ntavola ebda risposta izda deher ghas-seduta skjedata u wara li gew spjegati lilu d-drittijiet legali tieghu hu wiegeb li ma jehtiegx assistenza legali u li ma ghandux oggezzjoni ghad-divorzju. (Vide Fol 23):

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-10 ta Gunju 2025 li permezz tieghu l-avukati difensuri tal-partijiet ddikjaraw li l-partijiet ghalqu l-provi u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide

Fol 26).

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 15)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar it-30 t'April 2009 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 7 t'Awwissu 2023 in atti tan-Nutar Dr Brenda Jane Camilleri Vella. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed (vide Fol 24 u 25)** u kkonferma u kkorrobora x-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li***

*jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 t'April 2009 liema zwieg jgib c-certifikat numru 452/2009 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali datat 7 t'Awwissu 2023 in atti tan-Nutar Dr Brenda Jane Camilleri Vella (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 452/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**